

ECHA-18-B-01-MT

Il-qalba tal-programm ta' ħidma tal-2018 tal-ECHA



IL-KOMPITI EWLENIN TAGĦNA

L-ECHA taħdem biex tippoteġi lin-nies u lill-ambjent mill-effetti tossiċi tas-sustanzi kimiċi. Dan jgħin biex il-kumpaniji jibqgħu kompetittivi, jippromwovu l-innovazzjoni u jtejbu s-sigurtà tas-sustanzi kimiċi tagħhom.

Aħna nimplimentaw il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi - REACH, ir-regolamenti dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġ (CLP), u dwar il-Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC), u r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR) - u nimplimentaw numru li qiegħed jżied ta' kompiti addizzjonali f'oqsma relatati.

L-2018 hija s-sena tal-aħħar skadenza tar-reġistrazzjoni ta' REACH – il-kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw aktar minn tunnellata waħda ta' sustanza kimika fis-sena fl-Unjoni Ewropea jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea jeħtieġ li jirreġistraw is-sustanza tagħhom. Li ngħinuhom biex jissodisfaw din l-iskadenza huwa ta' importanza fundamentali għalina.

Aħna

- nappoġġjaw lill-industrija biex tikkonforma ma' rekwiżiti tar-regolamenti;
- navvanzaw l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi;
- nindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib; u
- nipprovdu informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi.

B'mod globali, l-erba' objettivi strateġiċi tagħna huma:

1 LI TIĠI MMASSIMIZZATA D-DISPONIBILTÀ TA' DATA TA' KWALITÀ GĦOLJA GĦALL-UŻU SIGUR TAS-SUSTANZI KIMIĊI

Li jiġu meġhuna l-kumpaniji biex jirreġistraw is-sustanzi kimiċi u jikkomunikaw fil-katina tal-provvista

Fl-2018, eluf ta' kumpaniji – ħafna minnhom intrapriżi ta' daqs żgħir u medju – ser jirreġistraw is-sustanzi kimiċi tagħhom magħna. Aħna ngħinuhom fil-ħolqien u fil-preżentazzjoni tad-dossiers ta' reġistrazzjoni tagħhom permezz tal-għodod tagħna tal-IT, pariri, komunikazzjonijiet u dokumenti ta' gwida.

Aħna nistmaw li nipproċessaw madwar 60 000 dossier u li nassenjawhom numri ta' reġistrazzjoni sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jkomplu jimmanifatturaw, jimportaw jew ibiġhu s-sustanzi tagħhom fis-suq Ewropew.

Sabiex nappoġġjaw il-kumpaniji kollha jimmaniġġjaw is-sustanzi kimiċi b'mod sigur, aħna nipprovdu u nipromwovu għodod għat-titjib tal-komunikazzjoni ta' pariri dwar l-immaniġġjar tar-riskji fil-katina tal-provvista.

Tiġi ppubblikata informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi Aħna nipubblikaw ħafna mill-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi li nirċievu mill-kumpaniji tagħna f'bażi ta' data unika. Is-sit web tagħna ser ikun fih ħafna aktar data li tiġi mir-reġistrazzjonijiet ġodda u wkoll informazzjoni ġdida dwar il-bijoċidi.

Għal sustanzi kimiċi ta' tħassib – sustanzi li jista' jkollhom l-ogħla impatt fuq in-nies jew l-ambjent – aħna għandna l-abbiltà li nitolbu aktar informazzjoni dwar is-sigurtà. Billi neżaminaw l-informazzjoni li għandna b'mod sistematiku, għandna l-għan li niprijoritizzaw is-sustanzi kimiċi kollha bħal dawn fis-suq tal-UE u li nsiru nafu liema minnhom jeħtieġu aktar regolamentazzjoni.

2 L-IDENTIFIKAZZJONI U L-INDIRIZZAR TA' SUSTANZI KIMIĊI TA' TħASSIB

Ladarba s-sustanzi kimiċi jiġu identifikati bħala li huma ta' tħassib potenzjali, id-dossiers ta' reġistrazzjoni tagħhom jistgħu jiġu vverifikati għall-konformità minna, jew is-

X'hemm fil-bażi ta' data?

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha **bażi ta' data unika dwar is-sustanzi kimiċi** mmanifatturati u importati fl-Ewropa.

Din għandha informazzjoni dwar aktar minn **130 000** sustanza kimika.

Din l-informazzjoni tiġi minn kumpaniji li jeħtieġ li jżommuha **aġġornata**.





**Ix-xogħol tagħna
jikkontribwixxi għal għan globali
dwar l-iżvilupp sostenibbli:**

*Sal-2030, is-sustanzi kimiċi jintużaw
u jiġu prodotti b'modi li jimminimizzaw
l-effetti avversi fuq is-saħħa tal-bniedem
u l-ambjent. Dan iħalli wkoll impatt
pożittiv fuq oqsma ta' politika oħra,
bħall-ugwaljanza jew is-saħħa.*

sustanzi jiġu evalwati aktar mill-Istati Membri. Sabiex niksbu l-effiċjenza, dan ix-xogħol ħafna drabi jsir fi gruppi ta' sustanzi kimiċi, aktar milli fuq sustanza waħda.

Meta jkun ġie kkonfermat it-tfassib, nanalizzaw x'inhu l-aħjar mod ta' kif jiġu mmaniġġjati r-riskji tas-sustanzi kimiċi – permezz ta' restrizzjonijiet, awtorizzazzjoni jew klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati. Aħna nistennew li n-numru ta' sustanzi kimiċi fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji bħal dawn jikber fis-sin li ġejjin.

Sabiex nissostitwixxu gradwalment l-aktar sustanzi kimiċi perikolużi b'oħrajn aktar siguri, aħna nġinu lill-industrija u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-ħidma tagħhom biex janalizzaw alternattivi.

Aħna nissorveljaw l-informazzjoni tagħna dwar is-sustanzi kimiċi sabiex naraw jekk humiex jittqiegħdu fis-suq tal-UE sustanzi kimiċi inqas perikolużi. Hekk kif qiegħed isir disponibbli għarfien ġdid dwar materjal rinnovabbli jew riċiklat, aħna nappoġġjaw l-ambizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea lejn l-istabbiliment ta' ekonomija ċirkolari u ambjent mhux tossiku.

INSERVU BĦALA ĊENTRU GĦALL-KAPAĊITÀ XJENTIFIKA

Aħna niżviluppaw il-kapaċità xjentifika tagħna f'dawk l-oqsma li huma l-aktar importanti għat-teħid ta' deċiżjonijiet regolatorji u naġġornaw id-dokumenti ta' gwida tagħna sabiex jirriflettu dawn l-aħħar żviluppi. Issir enfasi speċjali fuq gwida għat-titjib tal-kwalità tal-informazzjoni ta' reġistrazzjoni.

Oqsma ta' fokus xjentifiku oħra fl-2018:

- Li jiġu identifikati sustanzi b'karatteristiċi li jfjixklu s-sistema endokrinali permezz tal-ħidma tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Interferenti Endokrinali tagħna.
- Li tiġi reveduta l-gwida tagħna dwar in-nanomaterjali, ladarba l-Kummissjoni Ewropea tkun irreviediet l-Annessi ta' REACH għal dawn it-tipi ta' sustanzi kimiċi – dan ser jgħin jiċċara kif is-sigurtà tan-nanomaterjali għandha tiġi indirizzata fir-reġistrazzjonijiet ta' REACH.
- Li jiġu vvalutati u promossi metodi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali, li l-għarfien espert xjentifiku u l-kapaċità tal-immaniġġjar tad-data tagħna jiġu żviluppati kontinwament.

- Li jiġi pprovdut parir xjentifiku lill-Kummissjoni dwar kif l-informazzjoni ta' REACH tista' tintuża biex tappoġġja leġislazzjoni oħra.


IT-TITJIB TAL-EFFIĊJENZA U R-RESPONSABBILTÀ TA' KOMPITI ĠODDA

Aħna għandna l-għan li kontinwament intejbu l-effettività u l-effiċjenza tagħna fix-xogħol kollu tagħna. Hawnekk hawn xi eżempji ta' kompiti ġodda għall-2018:

- Aħna ser nibdew nirvedu l-proċess tal-Unjoni għall-Awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali, intejbuh biex ilaħħaq mat-tagħbija tax-xogħol li qiegħda tikber, ukoll permezz ta' xogħol fuq għodod tal-IT kollaborattivi.
- Il-preparazzjonijiet għal portal ta' notifika madwar l-UE kollha dwar Ċentri tal-Avvelenament ikomplu.
- Aħna ser nippublikaw kontenut ġdid dwar in-nanomaterjali fuq is-sit web tal-Osservatorju għan-Nanomaterjali tal-Unjoni Ewropea.
- Qed titħejja għodda ġdida msejja "EU Chemicals Legislation Finder" (Fittix tal-Leġislazzjoni dwar is-Sustanzi Kimiċi tal-UE). L-għan tagħha huwa li tipprovdi dehra komprensiva ta' kif sustanza kimika tiġi regolata f'diversi leġislazzjonijiet fl-Ewropa. Dan ser ikun partikolarment ta' għajjnuna għall-intrapriżi zġħar u ta' daqs medju.


Aħna qegħdin naħdmu wkoll fuq il-pjan strateġiku ġdid tagħna għall-2019-2023, li ser jirrifletti l-analiżijiet tal-Kummissjoni Ewropea ta' aktar titjib tal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi.

AQRA L-PROGRAMM TA' ĦIDMA 2018 TAGĦNA:




» <https://www.echa.europa.eu/mt/about-us/the-way-we-work/plans-and-reports>

Figuri ewlenin tal-ECHA



115-il miljun EWRO baġit



REACH 2018

REGISTER YOUR CHEMICALS BY 31 MAY 2018



» <https://echa.europa.eu/mt/reach-2018>